**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Novembru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 480/2018 AF**

**Hal Mann Vella Limited (C-28088)**

**vs**

**Maxime Altare (Passaport Franciz bin-numru 12AR273031 u karta tal-identità bin-numru 77803A)**

**u**

**Annabelle Bastjana Debono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-soċjetà attriċi maħluf minn Joseph Tabone, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-konvenuti jew min minnhom huma debituri tal-kumpanija esponenti fl-ammont komplessiv ta' tnejn u ghoxrin elf tlett mija tmienja u tletin Ewro u ewro centezmu (€22,338.01) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti jew min minnhom lill-kumpannija esponenti ghal provvista u bejgh ta' gebel u materjal u dan kif jidher mill-annessa fattura li qeghda tigi mmarkata bhala Dokument HMV1.

Ghalkemm il-kumpannija esponenti interpellat kemm-il darba lill-konvenuti sabiex ihallsu l-imsemmi ammont u sahansitra l-konvenuti jew min minnhom kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lill-kumpannija esponenti b'rati mensili, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Id-dejn dovut mill-konvenuti jew min minnhom lill-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija esponenti, l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet attrici.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mil-ligi skond l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi dna l-kawza bid-dispensa tas-smiegh.

Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf tlett mija tmienja u tletin Ewro u ewro centezmu

(€22,338.01) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti jew min minnhom lill-kumpannija esponenti ghal provvista u bejgh ta’ gebel u materjal li ghamlet fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta’ tnejn u ghoxrin elf tlett mija tmienja u tletin Ewro u ewro centezmu (€22,338.01).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali bin-numru 72/2018 ipprezentata nhar it-tletin (30) ta’ April tas-sena elfejn u tmintax (2018), kontra l-konvenuti, u bl-interessi kummercjali bl-oghla rata permissibbli mil-ligi kummercjali mid-data ta’ kull fattura li tirrizulta mill-kuntratt anness ma’ dan ir-rikors mahluf sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti jew min minnhom, illi r-rapprezentanti, azzjonisti u diretturi taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni. B’rizerva cara ghad-drittijiet kollha spettanti lill-kumpannija esponenti ghall-prezz ta’ xogholijiet provduti minnha lill-konvenuti.

Rat id-dokument anness.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tal-24 ta’ Settembru 2018 u peress illi l-Qorti qieset li l-konvenuti seta’ kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu, ingħataw għoxrin jum żmien sabiex jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom għar-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-bilanc ta’ €22,338.01 mitlub mis-socjetà rikorrenti ma huwiex dovuti *in toto* jew in parte billi x-xogholijiet esegwiti minnha ma sarux skond is-sengha u l-arti u/jew ma gewx esegwiti skond l-inkarigu moghti mill-intimati.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex is-socjetà rikorrenti tirrimedja n-nuqqasijiet taghha, hija baqghet tichad it-tort, u fid-dawl tal-inadempjenza tas-socjetà rikorrenti l-esponenti ser ikollu jqabbad u jhallas kuntrattur terz sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet fix-xogholijiet.

Konsegwentement l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tas-socjetà rikorrenti biex tirrimedja n-nuqqasijiet taghha.

In oltre l-esponenti Annabelle Bastjana Debono ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza billi hi personalment qatt ma giet interpellata mis-socjetà attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-soċjeta attriċi li permezz tagħha rriduċiet s-somma mitluba għal €7,894 stante pagament ta' €14,444.01 da parti tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' provvista u bejgħ ta' ġebel u materjal u dan skont fattura annessa mar-rikors promotur. Permezz ta' nota ta' riduzzjoni tas-17 ta' Frar 2021, is-soċjetà attriċi rriduċiet it-talba tagħha għas-somma ta' €7,894 stante li fil-mori tal-kawża l-konvenuti ħallsu s-somma ta' €14,444.01.

Mill-atti jirriżulta l-konvenuti kienu inkarigaw lis-soċjetà attriċi mhux biss għall-fornitura ta' materjal iżda wkoll għall-ezekuzzjoni ta' xogħlijiet fil-proprjetà tagħhom u ċioè l-villa li tinsab Santa Maria Estate, Mellieħa. Il-konvenuti mhux jikkontestaw illi l-materjal ġie fornut u x-xogħlijiet esegwiti iżda qed jgħidu li kien hemm xi xogħlijiet li ma sarux skont is-sengħa u l-arti u/jew ma ġewx esegwiti skont l-inkarigu mogħti minnhom.

Il-konvenuti ma xehdux f'dawn il-proċeduri imma qed jistrieħu fuq rapport redatt mill-Perit Jesmond Mugliett. Il-Perit Mugliett

jispjega li l-ilmenti tal-konvenuti huma prinċipalment il-ħsara fil-*concrete tiles* u *slate tiles* u l-*finish* tad-*decking* ta' mal-pixxina.

Il-perit jispjega li l-konvenuti lmentaw miegħu li l-*concrete tiles* ma ġewx imqiegħda bil-mod illi l-konvenuti kienu ftehmu mal-ħaddiema tal-attriċi u li l-madum beda jitlef mill-kulur madwar il-fili. Il-perit huwa tal-fehma li dan id-difett seħħ minħabba diversi fatturi senjatament:

- Tbajja tal-*grouting*;

- Reazzjoni mal-kundizzjonijiet atmosferiċi;

- Kuntatt ma' materjal taħt il-madum;

- Kuntatt ma' ilma jew xi materjal ieħor niedi.

Dwar id-*decking* ta' mal-pixxina, il-Perit Mugliett jgħid illi l-konvenuti kienu qalulu li ftehmu mal-ħaddiema tal-attriċi li kellu jiġi *finished* permezz ta' *oiling* iżda minflok sar bil-verniċ li llum telaq kollu.

Finalment, dwar l-i*slate tiles*, il-perit jispjega li l-fil bejn maduma u oħra sar pjuttost wiesa' u kif ukoll li dan il-madum huwa mtebba' bil-*grouting*.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja ta' skambju ta' korrispondenza permezz ta' *e-mails* minn fejn jirriżulta li madwar sena qabel saret din il-kawża, il-konvenut kien diġà qed jilmenta mal-attriċi dwar xi ħsarat. Madanakollu, il-Qorti tqis li fil-maġġor parti, dawn l-ilmenti m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ħsarat jew difetti rriskontrati mill-Perit Mugliett.

Is-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova sabiex ixxejjen ir-rapport tal-Perit Mugliett. Hija tistrieħ fuq ix-xhieda tad-direttur Mark Vella u kopja ta' sensiela ta' *e-mails* skambjati bejn rappreżentanti tal-attriċi u l-konvenut minn fejn jirriżulta li l-konvenut kellu problemi finanzjarji u għalhekk ma setax iħallas.

Il-Qorti tinnota li l-konvenuti eċċepew illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut kollu u fil-fatt, fil-mori tal-kawża huma ħallsu l-

ammont mhux kontestat.  Illum il-ġurnata huma qed jirrifjutaw li jħallsu biss is-somma ta' €7,894 u dan stante li l-Perit Mugliett għamel stima ta' €7,422.20 sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fil-madum u fid-*decking*.  Il-konvenuti qed jippretendu wkoll li għandha titnaqqas is-somma ta' €472 għas-servizzi professjonali tal-Perit Mugliett.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti tqis illi ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda tal-Perit Mugliett dwar x'kien il-ftehim ta' bejn il-konvenuti u l-ħaddiema tal-attriċi.  Il-konvenuti kien imisshom tal-inqas xehdu huma stess dwar xi ftehmu mal-ħaddiema għaliex l-onera tal-prova kien fuqhom.  Il-Qorti sejra għalhekk tiskarta l-ilment tal-konvenuti għal dak li għandu x'jaqsam mal-*finishing* tad-*decking* ta' mal-pixxina peress illi dan l-ilment jiddependi *in toto* fuq l-allegazzjoni mhux provata li l-konvenuti kienu taw struzzjonijiet speċifiki lill-ħaddiema.

B'referenza ghall-ilmenti fuq il-*concrete tiles* u *slate tiles*, fin-nuqqas ta' prova kontrastanti da parti tas-soċjetà attriċi, il-Qorti tqis illi dawn iż-żewġ ilmenti huma ġustifikati għaliex ippruvati. Il-konvenuti għalhekk għandhom dritt illi mis-somma riklamata ta' €7,894 iżommu s-somma ta' €7,021 u €472 għas-servizzi professjonali tal-Perit Mugliett.  Jifdal għalhekk bilanċ ta' €401 li l-konvenuti għandhom iħallsu lis-soċjetà attriċi.

Finalment, il-konvenuti jipprotestaw dwar il-kap tal-ispejjeż.  Il-Qorti tqis illi l-konvenuti kkontestaw il-kawża minflok ħallsu minn jeddhom s-somma mhux kontestata.  Dan probabilment għaliex ma kellhomx il-finanzi disponibbli.  Isegwi għalhekk illi huma għandhom ibatu wkoll il-maġġor parti tal-ispejjeż ta' din il-kawża.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attriċi, tilqa' t-tieni u tielet talba attriċi limitatament billi tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' erba' mitt Ewro u wieħed (€401) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' erba' mitt Ewro u wieħed (€401) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal tnejn minn tlieta mill-konvenuti u wieħed minn tlieta mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG